MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 384/2011

**Robert Sant u martu Romina Sultana**

**-vs-**

**Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fit-18 ta' April 2011 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

Illi l-esponenti żżewġu nhar il-ħdax (11) ta' Marzu tas-sena elfejn u ħdax (2011), fil-Knisja tal-Karmnu, fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar. (Ċertifikat taż-Żwieġ tal-Knisja, anness u mmarkat Dok EC 1).

Illi meta bdew il-preparamenti għaż-żwieġ, ossia l-formalitajiet ta' qabel iż-żwieġ, l-esponenti kien bi

ħsiebhom jiżżewġu fil-Knisja tal-Madonna tal-Abbandunati ġewwa l-Wardija, limiti ta' San Pawl il-Baħar.

Illi minħabba ċirkostanzi li l-esponenti ma kellhomx kontroll fuqhom, ma kienx possibbli għalihom li jiżżewġu fl-imsemmija Knisja tal-Wardija, u għalhekk iżżewġu fil-Knisja tal-Karmnu, fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar.

Illi qabel il-pubblikazzjoni tat-tnidijiet *ai termini* tal-liġi, fuq struzzjonijiet tar-rappreżentanti tal-intimat stess, l-esponenti Romina Sultana kienet personalment avżat lir-rappreżentanti tal-intimat illi l-knisja li kien be ħsiebhom jiżżewġu fiha kienet inbidlet, iżda *nonostante* dan it-tnidijiet eventwalment pubblikati, xorta ndikaw il-Knisja tal-Madonna tal-Abbandunati, ġewwa l-Wardija limiti ta' San Pawl il-Baħar.

Illi l-Att taż-Żwieġ tagħhom, (MR NO 49/2011), *nonostante* l-fatt illi żżewġu fil-Knisja tal-Karmnu fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, qiegħed jindika taħt l-Intestatura: "DATA TAL-ATT: *DATE OF THE ACT",* il-kliem *"WARDIJA L/O ST. PAUL'S BAY, MALTA Fri. 11 March 2011"* kif ukoll wara l-kliem **"iffirmati, ġew minni mitluba li jagħtu, u taw, il-kunsens tagħhom u ntrabtu fi żwieġ skond il-ligijiet u r-riti tal-Knisja Kattolika, fil-***undersigned, were by me requested to give, and gave, their consent and were united in marriage according to the laws and rites of the Catholic Church, at"* qiegħed jindika l-kliem, *"KNISJA TAL-MADONNA TAL-ABBANDUNATI, WARDIJA L/O ST PAUL'S BAY MALTA".*

Illi meta l-kappillan jew rappreżentant tiegħu, ittrasmetta l-imsemmi Att lir-Reġistru Pubbliku, u avżahom b'dan l-iżball, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku rrifjuta li jirreġistra l-imsemmi Att.

Illi għalhekk jinħtieġ illi l-imsemmi Att taż-Żwieġ (MR No 49/2011), jiġi korrett fis-sens illi jiġi mniżżla fuq d-dettalji tal-knisja proprja li fiha żżewġu l-esponenti u ċjoe' "Il-Knisja tal-Karmnu, fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar", u dan sabiex l-istess Att ikollu ndikazzjoni korretta tal-lok

fejn sar iż-żwieġ, u konsegwentement l-imsemmi Att bil-korrezzjonijiet hekk affetwati, jiġi reġistrat mill-intimat.

Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant l-esponenti, prevja l-ordni ta' din l-Onorabbli Qorti għall-pubblikazzjoni permezz ta' avviż fil-Gazzett tal-Gvern *ai termini* d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tordna l-korrezzjonijiet meħtieġa fuq l-Att taż-Żwieġ (MR no. 49/2011), u ċjoe' illi taħt l-Intestatura: "DATA TAL-ATT: *DATE OF THE ACT:"* il-kliem *"WARDIJA L/O ST PAUL'S BAY"*, jiġu mħassra u sostitwiti bil-kliem, "ST. PAUL'S BAY", filwaqt illi wara l-kliem, **"ffirmati, ġew minni mitluba li jagħtu, u taw, il-kunsens tagħhom u ntrabtu fi żwieġ skond il-liġijiet u r-riti tal-Knisja Kattolika, fil-***undersigned, were by me requested to give, and gave, their consent and were united in marriage according to the laws and rites of the Catholic Church, at"* il-kliem *"KNISJA TAL-MADONNA TAL-ABBANDUNATI, WARDIJA L/O ST. PAUL'S BAY MALTA"* jiġu mħassra u sostitwiti bil-kliem "KNISJA TAL-KARMNU, ST. PAUL'S STREET, ST. PAUL'S BAY, MALTA"; u

2. Tordna lill-intimat jaffetwa l-imsemmija korrezzjonijiet fuq l-Att taż-Żwieġ (MR no. 49/2011); u

3. Konsegwentement, tordna lill-intimat jirreġistra l-imsemmi Att taż-Żwieġ, kif korrett.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat, minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku preżentata fis-6 ta' Mejju 2011 li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern tal-anqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża a tenur tal-**Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi l-esponenti ma jsib l-ebda oġġezzjoni għat-talbiet tar-rikorrenti salv li huwa m'għandux ikun assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti tenut kont tal-fatt li, diversament minn dak spjegat mir-rikorrenti fir-rikors ġuramentat ippreżentat minnhom, kienet ir-rikorrenti Romina Sultana stess li ddikjarat fl-applikazzjoni għall-Pubblikazzjoni tat-Tnidijiet għaż-Żwieġ datata 29 ta' Jannar 2011, li ż-żwieġ se jsir fil-Knisja tal-Madonna tal-Abbandunati, Wardija, St. Paul's Bay u anke ffirmat l-imsemmija applikazzjoni (**Dok A**);

3. Illi għaldaqstant, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku m'għandux jiġi akkollat bl-ispejjeż tal-proċeduri istanti;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi nġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Ikkunsidrat;

Illi din hija azzjoni *ai termini* tal-artikolu 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li permezz tagħha tista' tintalab korrezzjoni ta' Att. Il-pubblikazzjoni li għaliha rrefera l-konvenut saret debitament.

Illi ma hemmx dubju li l-Att in kwistjoni għandu jiġi korrett biex jirrispekkja dak li ġara effettivament. Madankollu mill-provi jirriżulta li l-iżball seħħ għaliex ma ngħatatx l-informazzjoni korretta mill-atturi inizjalment. Għaldaqstant l-ispejjeż għandhom jiġu sopportati mill-istess atturi.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi.**

**L-ispejjeż ikunu a kariku tal-atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------